TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Francesco Zerafa**

**vs**

**Sare Marble Works Limited**

**CCT G20/25/MS**

22 ta' Mejju, 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-14 ta' Ottubru 2025 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu l-ammont ta' erbat elef, seba mija u ghoxrin euro (€4,720.00), depozitu imhallas lill-istess azjenda intimata ghal-konsenja u installazioni ta' tarag tal-irham, liema ordni qatt ma giet konsenjata u/jew installata;

Ra li l-isocjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh m'ghamlitx risposta u hadd mis-socjeta' ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xiehda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li f'Awwissu 2024 ir-rikorrent ghamel ordni ghal xogholijiet ta' irham, liema ordni kellha tigi konsenjata u installata fil-bidu tas-sena 2025. Ir-rikorrent hallas depozitu ta' erba telef seba' mija u ghoxrin euro, u ghalkemm tlett kwarti tal-ordni giet konsenjata, baqghet ma twahhlitx fil-post skond il-ftehim originali, u dan nonostante diversi tentattivi min-naha tieghu u anke weghdi min-naha tas-socjeta' intimata illi x-xoghol kien kien ser jigi installat. Ir-rikorrent kien anke baghat ittra legali ghall-liema ittra ma rcieva l-ebda twegiba.

Illi r-rikorrent kien u ghadu lest li accetta illi x-xoghol jitwahhal, pero' fin-nuqqas ir-rikorrent jixtieq jiehu r-rifuzjoni tad-depozitu.

Ikkunsidra

Illi in vista tal-fatt illi s-socjeta' intimata ma dehritx u lanqas ghamlet risposta, it-Tribunal m'ghandux versioni ohra li b'xi mod jikkontrasta dak li xehed ir-rikorrent, li huwa mhux biss verosimili izda anke korroborat.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Illi fil-kontumacja tas-socjeta' intimata u wara li ra l-artikolu 12.1 tal-LS. 378.01, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu l-ammont ta' erbat elef, seba' mija u ghoxrin euro (€4,720.00). Bi dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura l-irham mertu tal-kaz wara li jsir id-debitu hlas. It-Tribunal qed jordna wkoll l-isocjeta' intimata thallas lir-rikorrent l-ammont ta' mitejn euro bhala danni morali (€200.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888